DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1992

tal-15 ta' Novembru 2021

dwar l-istandards armonizzati għall-ġugarelli abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), il-ġugarelli li jkunu konformi ma' standards armonizzati jew ma' partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti koperti minn dawk l-istandards jew partijiet minnhom, stabbiliti fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2009/48/KE u fl-Anness II ta' dik id-Direttiva.

(2) Id-Direttiva 2009/48/KE tistabbilixxi, fil-Parti I tal-Anness II tagħha, rekwiżiti speċifiċi dwar il-proprjetajiet fiżiċi u mekkaniċi (inklużi dispożizzjonijiet immirati biex jiżguraw li l-ġugarelli jiġu maħduma b'tali mod li jevitaw li jikkawżaw ħruq, smit jew tip ta' korriment fiżiku ieħor) u fil-Parti II tal-Anness II tagħha, rekwiżiti speċifiċi sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza tal-ġugarelli fir-rigward ta' perikli ta' fjammabbiltà. Id-Direttiva 2009/48/KE tistabbilixxi wkoll, fil-Parti III tal-Anness II tagħha, rekwiżiti speċifiċi sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda riskju ta' effetti avversi fuq is-saħħa tal-bniedem minħabba l-esponiment għas-sustanzi jew għat-taħlitiet kimiċi li l-ġugarelli jkunu magħmula minnhom jew li jkun fihom. Barra minn hekk, l-Artikolu 10(2) jistipula r-rekwiżit ta' sikurezza ġenerali, l-Artikolu 11(2) jistipula r-rekwiżiti għat-twissijiet dwar il-ġugarelli, u l-Anness V tad-Direttiva 2009/48/KE jistipula twissijiet għall-ġugarelli, fosthom twissija speċifika għal ġugarelli kimiċi.

(3) Bl-ittra M/445 ([3]) tad-9 ta' Lulju 2009, il-Kummissjoni ressqet talba quddiem il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) u l-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC) għall-abbozzar ta' standards armonizzati ġodda u għar-reviżjoni tal-istandards armonizzati eżistenti b'appoġġ għad-Direttiva 2009/48/KE.

(4) Abbażi tat-talba M/445 tad-9 ta' Lulju 2009, is-CEN irreveda l-istandard armonizzat EN 71-2:2011+A1:2014 "Sigurtà ta' ġugarelli — Parti 2: Fjammabbiltà", li r-referenza għalih ġiet ippubblikata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/867 ([4]). Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandard armonizzat EN 71-2:2020.

(5) L-istandard armonizzat EN 71-2:2020 huwa aktar ċar u preċiż mill-predeċessur tiegħu EN 71-2:2011+A1:2014. Dan jinkludi: aktar definizzjonijiet, u b'hekk jiddeskrivi aħjar għal liema ġugarelli japplikaw l-ispeċifikazzjonijiet tal-istandard; formulazzjoni aktar ċara u preċiża; speċifikazzjonijiet ġodda għal kostumi tal-logħob li fihom mili sfuż; speċifikazzjonijiet addizzjonali għall-ħasil jew it-tindif (jew le) tal-kostumi tal-logħob qabel l-ittestjar; speċifikazzjonijiet dwar l-ittestjar ta' partijiet iżgħar ta' ġugarelli billi jingħaqdu, kif ukoll dwar l-ittestjar ta' mili, tappezzerija u tiżjin; eżempji illustrattivi ta' ġugarelli li jaħbu (bħal maskri tal-wiċċ jew elmi) u kostumi tal-logħob u indikazzjonijiet dwar kif għandhom jiġu ttestjati; dijagrammi sekwenzjali li juru kif jinkisbu kampjuni tat-test minn kostumi tal-logħob.

([1]) ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.

([2]) Id-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli. ĠU L 170, 30.6.2009, p. 1.

([3]) M/445 tad-9 ta' Lulju 2009 dwar mandat ta' standardizzazzjoni indirizzat lis-CEN u lis-CENELEC fil-qafas tad-Direttiva 2009/48/KE li tirrevedi d-Direttiva 88/378/KEE dwar is-sikurezza tal-ġugarelli.

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/867 tat-28 ta' Mejju 2021 dwar l-istandards armonizzati għall-ġugarelli abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 190, 31.5.2021, p. 96).

(6) Abbażi tat-talba M/445 tad-9 ta' Lulju 2009, is-CEN irreveda wkoll l-istandard armonizzat EN 71-3:2019 "Sigurtà ta' ġugarelli — Parti 3: Migrazzjoni ta' ċerti elementi", li r-referenza għalih ġiet ippubblikata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/867. Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandard armonizzat EN 71-3:2019+A1:2021.

(7) L-istandard armonizzat EN 71-3:2019+A1:2021 jaġġorna l-lista tiegħu ta' valuri ta' limitu legali, meħuda mid-Direttiva 2009/48/KE, għall-elementi fil-ġugarelli. L-aġġornament jikkonċerna l-aluminju, li kellhom jiġu applikati valuri ta' limitu msaħħa mill-20 ta' Mejju 2021 ([5]). Jikkonċerna wkoll il-kromju-VI, li l-valur ta' limitu preċedenti kien imħassar. Il-formula matematika li tikkalkula l-migrazzjoni tal-kromju-VI ta' kampjun ta' ġugarell ġiet adattata għall-proċedura tat-test. Il-bidliet l-oħra huma kollha editorjali.

(8) Abbażi tat-talba M/445 tad-9 ta' Lulju 2009, is-CEN irreveda aktar l-istandard armonizzat EN 71-4:2013 "Sigurtà ta' ġugarelli — Parti 4: Settijiet għal esperimenti għal attivitajiet ta' kimika u attivitajiet relatati", li r-referenza għalih ġiet ippubblikata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/867. Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandard armonizzat EN 71-4:2020.

(9) L-istandard armonizzat EN 71–4:2020 huwa aktar ċar minn ta' qablu, EN 71–4:2013, minħabba għadd ta' bidliet editorjali. Ma' dan, il-pittogrammi u l-kliem bħala sinjal tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) intużaw ħafna aktar u kienu b'mod aktar konsistenti. Barra minn hekk, l-ispeċifikazzjonijiet għall-kontenituri reżistenti għat-tfal issa jiddependu fuq standard internazzjonali stabbilit, meħud mis-CEN. Il-protezzjoni tal-għajnejn issa hija meħtieġa għal ċerti settijiet tal-esperimenti. Fl-aħħar, ġew inklużi aktar spjegazzjonijiet dwar ir-raġunament tal-ispeċifikazzjonijiet.

(10) Abbażi tat-talba M/445 tad-9 ta' Lulju 2009, is-CEN irreveda l-istandard armonizzat EN 71-13:2014 "Sigurtà ta' ġugarelli - Parti 13: Logħob li jintlagħab fuq bord u hu bbażat fuq ix-xamm, logħob li jintlagħab fuq bord u hu bbażat fuq it-togħma, kits kosmetiċi u kits tat-togħma", li r-referenza għalih ġiet ippubblikata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/867*]*. Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandard armonizzat EN 71-13:2021.

(11) L-ispeċifikazzjonijiet tal-istandard armonizzat EN 71–13:2021 huma marbuta b'mod aktar ċar mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2009/48/KE. B'mod partikolari, l-ispeċifikazzjonijiet relatati ma' twissijiet u indikazzjonijiet speċifiċi stabbiliti fl-Anness V, Parti B, tad-Direttiva 2009/48/KE ġew estiżi u jirrelataw b'mod aktar ċar ma' logħob li jintlagħab fuq bord u hu bbażat fuq ix-xamm, logħob li jintlagħab fuq bord u hu bbażat fuq it-togħma, kits kosmetiċi u kits tat-togħma li jinkludu ċerti fwejjaħ allerġeniċi. Barra minn hekk, l-ispeċifikazzjonijiet għall-għeluq ta' kontenituri li huma reżistenti għat-tfal fil-logħob u fil-kittijiet ikkonċernati issa huma bbażati fuq standard internazzjonali, imsejjaħ EN ISO 8317:2015 Imballaġġ reżistenti għat-tfal – Rekwiżiti u proċeduri ta' ttestjar għall-pakketti li jistgħu jerġgħu jingħalqu. Il-metodu ta' ttestjar fl-EN ISO 8317:2015 jissostitwixxi l-metodu ta' ttestjar ta' qablu, stabbilit f'EN 71–13:2014. Fl-aħħar, ir-referenzi għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ġew aġġornati, b'mod partikolari l-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza tal-ikel.

(12) Il-Kummissjoni, flimkien mas-CEN, ivvalutat jekk l-istandards armonizzati EN 71-2:2020, EN 71-3:2019+A1:2021, EN 71-4:2020 u EN 71-13:2021 abbozzati mis-CEN jikkonformawx mat-talba M/445 tad-9 ta' Lulju 2009. Dawn l-erba' standards armonizzati jissodisfaw ir-rekwiżiti li għandhom l-għan li jkopru, u li huma stabbiliti fid-Direttiva 2009/48/KE. Għalhekk jixraq li r-referenzi ta' dawk l-istandards jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(13) L-istandards armonizzati EN 71-2:2020, EN 71-3:2019+A1:2021, EN 71-4:2020 u EN 71-13:2021 jissostitwixxu l-istandards armonizzati EN 71-2:2011+A1:2014, EN 71-3:2019, EN 71-4:2013 u EN 71-13:2014, rispettivament. Għalhekk huwa meħtieġ li r-referenzi ta' dawk l-istandards jiġu rtirati minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Sabiex il-manifatturi tal-ġugarelli jkollhom biżżejjed żmien biex jadattaw il-prodotti tagħhom għall-ispeċifikazzjonijiet riveduti fl-istandards armonizzati EN 71-2:2020, EN 71-3:2019+A1:2021, EN 71-4:2020 u EN 71-13:2021, jenħtieġ li l-irtirar tar-referenza tal-istandards armonizzati EN 71-2:2011+A1:2014, EN 71-3:2019, EN 71-4:2013 u EN 71-13:2014, jiġi ddifferit.

([5]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2019/1922 tat-18 ta' Novembru 2019 li temenda, għall-finijiet ta' adattament għall-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi, il-punt 13 tal-parti III tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-ġugarelli, fir-rigward tal-aluminju (ĠU L 298, 19.11.2019, p. 5).

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

(14) Fl-interessi taċ-ċarezza, tar-razzjonalità u tas-simplifikazzjoni, jenħtieġ li lista sħiħa ta' referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2009/48/KE u li jissodisfaw ir-rekwiżiti li għandhom l-għan li jkopru tiġi ppubblikata f'att uniku. Ir-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2009/48/KE huma ppubblikati attwalment bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/867 u 2019/1728 ([7]). Konsegwentement, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/867 tiġi sostitwita b'deċiżjoni ġdida.

(15) Il-konformità ma' standard armonizzat tikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza ta' tali standard f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-referenzi tal-istandards armonizzati għall-ġugarelli abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2009/48/KE, elenkati fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni, huma b'dan ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/867 hija mħassra.

Madankollu, l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/867 għandu jkompli japplika għar-referenzi tal-istandards armonizzati għall-ġugarelli abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2009/48/KE, elenkati fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni, sad-dati stabbiliti f'dak l-Anness.

Barra minn hekk, l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1728 għandu jkompli japplika għar-referenzi tal-istandards armonizzati għall-ġugarelli abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2009/48/KE, elenkati fl-Anness III ta' din id-Deċiżjoni, sad-dati stabbiliti f'dak l-Anness.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Novembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([7]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1728 tal-15 ta' Ottubru 2019 dwar l-istandards armonizzati għall-ġugarelli abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 263, 16.10.2019, p. 32).

ANNESS I

<table>
<tr><th>Nru</th><th>Referenza tal-istandard</th></tr>
<tr><td>1.</td><td>EN 71-1:2014+A1:2018
Sigurtà tal-ġugarelli — Parti 1: Kwalitajiet mekkaniċi u fiżiċi</td></tr>
<tr><td>2.</td><td>EN 71-2:2020
Sigurtà tal-ġugarelli — Parti 2: Fjammabilità</td></tr>
<tr><td>3.</td><td>EN 71-3:2019+A1:2021
Sigurtà tal-ġugarelli — Parti 3: Migrazzjoni ta' ċerti elementi</td></tr>
<tr><td>4.</td><td>EN 71-4:2020
Sigurtà tal-ġugarelli — Parti 4: Settijiet għal esperimenti għal attivitajiet ta' kimika u attivitajiet relatati</td></tr>
<tr><td>5.</td><td>EN 71-5:2015
Sigurtà tal-ġugarelli — Parti 5: Ġugarelli ta' natura kimika (settijiet) minbarra settijiet għal esperimenti</td></tr>
<tr><td>6.</td><td>EN 71-7:2014+A3:2020
Sigurtà tal-ġugarelli — Parti 7: Żebgħat li jitpinġew bis-swaba' — Rekwiżiti u metodi ta' ttestjar</td></tr>
<tr><td>7.</td><td>EN 71-8:2018
Sigurtà tal-ġugarelli — Parti 8: Ġugarelli għal attivitajiet fid-dar</td></tr>
<tr><td>8.</td><td>EN 71-12:2016
Sigurtà tal-ġugarelli — Parti 12: Sustanzi N-nitrosamini u N-nitrosazjabbli
Nota ta' informazzjoni: Il-valuri limitu fil-punt a) tat-Tabella 2 tal-klawżola 4.2 tal-istandard "EN 71-12:2016 sigurtà tal-ġugarelli — Parti 12: Sustanzi N-nitrosamini u N-nitrosazjabbli" huma iktar baxxi mill-valuri limitu li għandu jkun hemm konformità magħhom u li huma stabbiliti fil-punt 8 tal-Parti III tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE. B'mod partikolari dawk il-valuri huma kif ġej:
<table>
<tr><th>Sustanza</th><th>Standard EN 71-12:2016</th><th>Direttiva 2009/48/KE</th></tr>
<tr><td>N-nitrosamini</td><td>0,01 mg/kg</td><td>0,05 mg/kg</td></tr>
<tr><td>N-nitrosazjabbli</td><td>0,1 mg/kg</td><td>1 mg/kg.</td></tr>
</table>
</td></tr>
<tr><td>9.</td><td>EN 71-13:2021
Sigurtà tal-ġugarelli — Parti 13: Logħob li jintlagħab fuq bord u hu bbażat fuq ix-xamm, logħob li jintlagħab fuq bord u hu bbażat fuq it-togħma, kits kosmetiċi u kits tat-togħma</td></tr>
<tr><td>10.</td><td>EN 71-14:2018
Sigurtà tal-ġugarelli — Parti 14: Trampolini għal użu domestiku</td></tr>
<tr><td>11.</td><td>EN IEC 62115:2020
Ġugarelli elettriċi — Sikurezza
EN IEC 62115:2020/A11:2020</td></tr>
</table>

ANNESS II

Nru	Referenza tal-istandard	Data tal-irtirar
1.	EN 71-2:2011+A1:2014 Sigurtà tal-ġugarelli — Parti 2: Fjammabilità	il-15 ta' Mejju 2022
2.	EN 71-3:2019 Sigurtà tal-ġugarelli — Parti 3: Migrazzjoni ta' ċerti elementi	il-15 ta' Mejju 2022
3.	EN 71-4:2013 Sigurtà tal-ġugarelli — Parti 4: Settijiet għal esperimenti għal attivitajiet ta' kimika u attivitajiet relatati	il-15 ta' Mejju 2022
4.	EN 71-13:2014 Sigurtà tal-ġugarelli — Parti 13: Logħob li jintlagħab fuq bord u hu bbażat fuq ix-xamm, logħob li jintlagħab fuq bord u hu bbażat fuq it-togħma, kits kosmetiċi u kits tat-togħma	il-15 ta' Mejju 2022

ANNESS III

Nru	Referenza tal-istandard	Data tal-irtirar
1.	EN 71-7:2014+A2:2018 Sigurtà tal-ġugarelli - Parti 7: Żebgħat li jitpinġew bis-swaba' — Rekwiżiti u metodi ta' ttestjar *Nota*: Għall-preservattiv awtorizzat klimbażolu (l-entrata 22 fit-Tabella B.1 tal-Anness B tal-istandard) il-preżunzjoni ta' konformità tapplika sa konċentrazzjoni massima permessa ta' 0,2 % (mhux: 0,5 %). Dan huwa bbażat fuq l-"ADDENDUM tal-Opinjoni dwar il-Klimbażolu (P64) ref. SCCS/1506/13" tal-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur (SCCS) li ġie adottat wara l-pubblikazzjoni tal-istandard mis-CEN. https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/scientific_committees/consumer_safety/docs/sccs_o_212.pdf	i- t- -28 ta' Novembru 2021
2.	EN 71-12:2013 Sigurtà tal-ġugarelli — Parti 12: Sustanzi N-nitrosamini u N-nitrosazjabbli	i- t- -28 ta' Novembru 2021
3.	EN 62115:2005 Ġugarelli elettriċi — Sikurezza (IEC 62115:2003 (Modifikat) + A1:2004) EN 62115:2005/A2:2011 (IEC 62115:2003/A2:2010 (Modifikat) EN 62115:2005/A2:2011/AC:2011 EN 62115:2005/A11:2012 EN 62115:2005/A11:2012/AC:2013 EN 62115:2005/A12:2015	il-21 ta' Frar 2022